Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 4/2019

**Charlene Mifsud - 500182M (appellanti)**

**vs**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali (appellat)**

10 ta' Jannar, 2020.

1. **Il-każ in kwistjoni jirrigwarda d-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Soċjali li Charlene Mifsud tħallset indebitament is-somom ta' <u>€950.04</u> u <u>€88.45</u> f' "*Benefiċċju għal waqt l-impieg".***

2. <u>B'ittra datata 29 ta' Marzu 2018</u>, id-Direttur Ġenerali tas-Siġurta Soċjali għarraf lil Charlene Mifsud li kien irriżultalu li l-ammont ta' **<u>€950.04</u>** li tħallset mid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali bħala "*Benefiċċju għal waqt l-Impieg"* (*In-Work Benefit)* fil-perjodu bejn it-**<u>02/01/2016 u l-05/01/2018</u>**, tħallas lilha indebitament "*minħabba tibdil fiċ-ċirkostanzi tagħha*". Fl-ittra intqal li dan il-ħlas żejjed kien ser jitnaqqas mill-pagamenti ta' xi benefiċċju li hija tista' tirċievi aktar 'il quddiem.

3. <u>B'ittra oħra tal-31 ta' Marzu 2018</u>, id-Direttur Ġenerali tas-Siġurta Soċjali għarraf lil Charlene Mifsud li kien irriżultalu li l-ammont ta' **<u>€88.45</u>** li tħallset mid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali bħala "*Benefiċċju għal waqt l-Impieg"* (In-Work Benefit) fil-perjodu bejn it-**<u>03/12/2016 u s-06/01/2017</u>** tħallas indebitament "*minħabba li Shameria mhux tgħix miegħek".* Mifsud kienet ukoll infurmata li dan il-ħlas żejjed kien ser jitnaqqas bir-rata ta' 5% mill-"*Benefiċċju għal waqt l-Impieg"* jew xi benefiċċji oħra li hija tista' tirċievi mid-Dipartiment.

4. Permezz ta' ittra tas-17 ta' April 2018 Charlene Mifsud appellat quddiem l-Arbitru mid-deċiżjonijiet tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta' Soċjali.[1]

5. Id-Direttur Ġenerali wieġeb għall-appell ta' Charlene Mifsud permezz ta' ittra indirizzata lis-Segretarja tal-Arbitru[2] fejn argumenta li l-appell għandu jkun miċħud *"minħabba li t-tifla ma kinitx qed tirrisjedi mal-appellanti".*

6. Fid-deċiżjoni tiegħu tat-3 ta' April 2019[3], l-Arbitru Dr Simon Micallef Stafrace ikkonkluda li d-deċiżjonijiet tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali kienu ibbażati fuq ir-rapport tal-ispetturi, li hu ċar u mibni fuq fatti. Għalhekk ikkonkluda li d-Direttur Ġenerali mexa skont il-liġi u kellu kull dritt jieħu d-deċiżjonijiet li ħa. Konsegwentement ċaħad l-appell ta' Charlene Mifsud.

7. B'rikors preżentat fit-3 ta' Mejju 2019 Charlene Mifsud appellat mid-deċiżjoni. Fl-appell talbet lil din il-qorti tħassar is-sentenza appellata u tordna li għandha tibqa' tirċievi l-benefiċċju f'isimha.

8. **L-aggravji** huma:-

*(1) Illi bid-dovut rispett, minn imkien ma jirriżulta illi l-persuni mibgħuta mill-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali għamlu investigazzjoni kif meħtieġa mil-liġi u dan stante għall-fatt illi huma strieħu biss fuq dak li rrakomanda l-ispettorat mingħajr ma kkunsidraw illi l-esponenti kellha ħwejjeġ tagħha u ta' bintha fuq il-bejt tal-istess fond u għalhekk seta' faċilment jiġi kkunsidrat illi hija tgħix hemm ġew flimkien ma' bintha Shameria.*

*(2) Illi tant hu minnu dan u veritier illi x-xiehda tal-esponenti fejn ġie ddikjarat bl-aktar mod ċar illi l-indirizz fuq il-karta tal-identita` tagħha huwa fil-fond in kwistjoni kif ukoll ix-xiehda ta' ommha u missierha illi tikkonferma b'mod ċar illi binthom tgħix magħhom ġewwa l-istess fond flimkien ma' bintha minuri, ma tteħditx in konsiderazzjoni.*

*(3) Illi għandu jingħad għalhekk illi d-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Soċjali[4] hija waħda żbaljata peress li l-Arbitru eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu fuq interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi billi ma kkunsidrax il-provi kollha prodotti waqt it-trattazzjoni tal-każ.*

*(4) Illi fis-sentenza l-Arbitru naqas milli jispeċifika taħt liema artikolu tal-liġi qegħda tittieħed tali deċiżjoni.*

---

[1] L-ittra tagħha waslet quddiem l-Umpire Board fl-20 ta' April 2018 (Umpire No. 263/18).
[2] L-ittra tiegħu waslet quddiem l-Umpire Board fit-12 ta' Settembru 2018.
[3] Deċizjoni tal-Arbitru Nru: 147/19.
[4] Jidher li dan hu żball u jrid jaqra "Arbitru".

9. Fis-27 ta' Mejju 2019 id-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali ippreżenta tweġiba fejn qal li d-deċiżjoni hi ġusta u timmerita konferma, u ta r-raġunijiet għalfejn din il-qorti għandha tiċħad l-appell.

**Fatti rilevanti.**

10. Fis-27 ta' Settembru 2003 iżżewwġu Charlene Grech u Frankie Mifsud.

11. Fit-28 ta' Novembru 2004 twieldet Shameria.

12. Fit-28 ta' Marzu 2016 il-konjuġi Charlene u Frankie Mifsud isseparaw permezz ta' kuntratt. Ġie miftiehem *inter alia* li d-dar matrimonjali (*Summit, Flat 14, Triq Santa Rita, B'Buġia*) kellha tinbiegħ u l-kura u l-kustodja tat-tifla kienet fdata f'idejn Charlene Mifsud.

13. Charlene Mifsud kienet tirċievi benefiċċji mingħand id-Dipartiment tal-Għajnuna Soċjali in linea ta' "*Benefiċċju waqt l-Impieg".* (Jiġi spjegat li din l-għajnuna tingħata lil dawk il-koppji jew persuni waħedhom li jkunu f'impieg u li għandhom tfal taħt l-eta` ta' 23 sena jgħixu magħhom). Meta Charlene Mifsud applikat għall-benefiċċju, iddikjarat li l-indirizz ta' residenza tagħha kien *49, Triq in-Noqra, B'Buġia*.

14. Permezz ta' rapport anonimu id-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjoni dwar Benefiċċji, kien infurmat li Charlene Mifsud ma kinitx tgħix fid-dar *49, Triq in-Noqra, B'Buġia*, u kienet qegħda tgħix mal-għarus tagħha (ċertu Genovese) f'post differenti, u wkoll li kienet daħlet madwar €34,000 mill-bejgħ tad-dar matrimonjali.

15. L-ispettorat beda l-isħtarriġ tiegħu u f'Marzu 2018 l-ispetturi ippreżentaw rapport.

16. Mir-rapport jirriżulta li:

- Ir-rapport saru mill-ispetturi Caroline Muscat u Joseph Attard.

- Mill-informazzjoni disponibbli fuq il-*Common Data Base* (CDB) irriżulta li fl-indirizz *49, Triq in-Noqra, B'Buġia* joqgħodu ħames persuni adulti.

- Nhar is-Sibt, 24 ta' Frar 2018 fit-8.55am, l-ispetturi marru mingħajr avviż fl-indirizz *49, Triq in-Noqra, B'Buġia*. Charlene Mifsud fetħet il-bieb u wriethom il-karta tal-identita` tagħha. Mistoqsija tgħid minn huma l-persuni lil jgħixu fid-dar b'mod permanenti wieġbet li kienu sitta min-nies: cioe` hi, bintha (minuri) Shameria, ommha Margaret, missierha Alfred, ħuha Melvin, u nannitha Rita. Irriżulta li kellha basket li kien fih żarbun, flokk tas-suf u *leggings* kif ukoll qalziet ta' taħt tal-għarus tagħha. Mgħarrfa bl-allegazzjoni li hija fil-fatt ma toqgħodx hemm, hija ċaħdet kategorikament tali allegazzjoni. Hija baqgħet tinsisti li tgħix hemmhekk iżda pero` li l-ħwejjeġ tagħha ma żżommhomx hemm iżda fir-residenza tal-għarus tagħha. Qalet li meta telqet mid-dar matrimonjali kienet ħadet il-ħwejjeġ tagħha dritt fid-dar tal-għarus tagħha minħabba nuqqas ta' spazju fid-dar *49, Triq in-Noqra, B'Buġia*.

- Nhar il-Ġimgħa 2 ta' Marzu 2018, Charlene Mifsud marret fid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali biex tiddikjara li l-ħwejjeġ tagħha jinsabu għand l-għarus tagħha minħabba nuqqas ta' spazju u li torqod għand l-għarus matul tmiem il-ġimgħa.

- L-imsemmija spetturi Caroline Muscat u Joseph Attard irrakkomandaw li jitwaqqaf b'mod immedjat l-Allowance tat-Tfal kif ukoll il-Benefiċċju waqt l-Impieg u li jinġabru lura l-pagamenti b'effett mmin Diċembru 2016.

- Alexander Agius (Assistant Director, Investigations, Benefits Compliance Directorate) issuġġerixxa li l-Allowance tat-Tfal dovut għan-nom tal-minuri Shameria jibda' jitħallas lill-*Head of Household* fejn tabita l-istess minuri, cioe` lill-konjuġi Alfred u Margaret Grech, li jiġu l-ġenituri ta' Charlene Mifsud (u n-nanniet tal-minuri).

17. Id-deċiżjonijiet mertu tal-każ ittieħdu in segwitu għall-imsemmi rapport.

**Xiehda:**

18. L-ispettur Caroline Muscat fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2018 wieġbet għal żewġ mistoqsijiet li sarulha mill-appellanti stess, wara li din tal-aħħar rat ir-rapport:

(i) Charlene Mifsud sostniet max-xhud Caroline Muscat li fil-kamra tas-sodda ta' fuq il-bejt kien hemm mhux biss sodda matrimonjali iżda wkoll sodda tal-wieħed taħt it-tieqa. Ix-xhud *invece* insistiet li dak in-nhar tal-ispezzjoni, hija sodda matrimonjali biss rat.

(ii) Charlene Mifsud sostniet max-xhud Caroline Muscat li dak il-ħin li kienet qed turi lill-ispetturi x' kien fih il-basket, ommha qaltilhom (lilha u lill-ispettur l-ieħor): "*Jekk tridu taraw ħwejjeġ itilgħu, għadni kif inxartilha bejt ħwejjeġ fuq il-bejt*." Ix-xhud pero` ċaħdet dan u fakkret lil Charlene Mifsud li hija stess kienet qaltilhom li meta ħarġet mid-dar matrimonjali qatt ma ħadet ħwejjeġ fid-dar t'ommha. Charlene Mifsud insistiet li ommha kienet qaltilhom "*Jekk tridu taraw ħwejjiġha hemm bejt ħwejjeġ tagħha għadni kif naħsilhomlha jiena*. *Minxurin*." Ix-xhud pero` ċaħdet li sar dan id-diskors "*għax kieku konna mmorru narawh żgur.*"

19. Frankie Mifsud (ir-raġel ta' Charlene Mifsud) xehed li wara li hu u Charlene Mifsud ħadu s-separazzjoni baqgħu jgħixu fid-dar matrimonjali sakemm biegħu il-fond. Qal li wara mar jgħix għal rasu u l-appellanti marret tgħix għand ommha. Spjega li meta jiġbor lit-tifla (li kellha 14-il sena) jiġborha mid-dar tal-ġenituri tal-appellanti.

**Konsiderazzjonijiet.**

20. **Fl-ewwel aggravju** l-appellanti tilmenta li l-persuni li għamlu l-investigazzjoni ma kkunsidrawx li hija kellha l-ħwejjeġ tagħha u ta' bintha fuq il-bejt tal-fond, fatt li minnu (skont hi) seta' faċilment jiġi kkunsidrat li hija tgħix fil-fond ma' bintha Shameria.

21. Kif argumenta l-appellat, din l-allegazzjoni bl-ebda mod ma ġiet ippruvata. L-ispettur Caroline Muscat fix-xiehda tagħha innegat li dakinhar tal-ispezzjoni hi u l-ispettur l-ieħor (Joseph Attard) ġew mistiedna jitilgħu biex jaraw xi ħwejjeġ minxurin fuq il-bejt; anżi fakkret lill-appellanti li qaltilhom li l-ħwejjeġ ma kinux

fid-dar tal-ġenituri. Fil-fatt fir-rapport l-ispetturi kitbu li l-appellanti infurmathom li meta ħarġet mid-dar matrimonjali qatt ma ħadet il-ħwejjeġ fid-dar tal-ġenituri tagħha (minħabba problema ta' spazju) iżda ħadithom dritt fil-post fejn joqgħod l-għarus tagħha. *Inoltre*, ġimgħa wara, l-appellanti marret id-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali u infurmathom li l-ħwejjeġ kienu għand l-għarus minħabba problema ta' spazju fil-post tar-residenza tagħha u spjegat li torqod fil-fond fejn joqgħod l-għarus tagħha fi tmiem il-gimgħa.

22. Għalhekk hu altru milli verosimili li waqt l-ispezzjoni omm l-appellanti ma qalitx li kien hemm bejt ħwejjeġ bil-ħwejjeġ tal-appellanti.

23. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

24. **Fit-tieni aggravju** l-appellanti tilmenta li l-Arbitru ma ħax in konsiderazzjoni l-fatt li l-indirizz tagħha huwa dak stampat fuq il-karta tal-identita`.

25. Il-fatt waħdu li fil-karta tal-identita' hemm indirizz, m'hijiex xi prova ċerta li dak l-indirizz hu l-fond fejn tgħix il-persuna.

26. Il-qorti żżid li kuntrarjament għal dak li ssostni l-appellanti, mill-atti ma jirriżultax li xehdu l-ġenituri tal-appellanti. L-istess ma xehedx l-għarus tal-appellanti sabiex jikkonferma li l-appellanti kienet ħadet ħwejjiġha għandu għaliex ma kellhiex spazju fejn iżżommhom fid-dar tal-ġenituri tagħha, u li ma kinitx tgħix miegħu. Għalhekk l-appellanti ma tistax tippretendi li l-Arbitru kellu bilfors jemmen il-verżjoni li tat l-appellanti.

27. Tiċħad ukoll it-tieni aggravju.

28. **Fit-tielet aggravju** targumenta li *"għalhekk"* id-deċiżjoni tal-Arbitru hi żbaljata, peress li ma qiesx il-provi kollha u li dak ifisser li *"eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu fuq interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi".*

29. Dan huwa aggravju konsegwenzjali għall-ewwel u t-tieni aggravji u għar-raġunijiet li ngħataw b'riferenza għall-ewwel żewġ aggravji, ma jistax jirnexxi.

30. **<u>Fir-raba' aggravju</u>** tilmenta li l-Arbitru naqas milli jgħid taħt liema artikolu tal-liġi kien qed jieħu d-deċiżjoni. Skont l-artikolu 97(1), l-appellanti kellha dmir li tagħti informazzjoni li hi korretta. Il-benefiċċji soċjali li ngħatat kienet ibbażata fuq it-tagħrif li tat l-appellanti meta applikat għaliha. Il-benefiċċju soċjali li kienet qegħda tirċievi kien magħruf bħala *In-Work Benefit*, li waħda mill-kondizzjonijiet tiegħu hi li l-ġenitur jkollu jgħixu miegħu tfal taħt it-tlieta u għoxrin (23) sena.

31. F'dan il-każ il-provi jindikaw li fiż-żmien rilevanti, ċjoe' minn Diċembru, 2016, il-minuri kienet qegħda tgħix għand in-nanniet (xhieda ta' Frank Mifsud) filwaqt li l-appellanti ma kinitx qegħda tgħix fl-istess fond fejn kienet tgħix bintha. Għalhekk irċeviet benefiċċju li ma kinitx intitolata għalih u jkollha troddu lura. L-Artikolu 102 tal-Kap. 318 jipprovdi li l-appellat għandu jedd jiġbor lura benefiċċju li persuna tkun irċeviet meta ma kinitx intitolata għalih.

32. Għaldaqstant, ir-raba' aggravju miċħud ukoll.

33. Fl-aħħarnett waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-appellanti argumenta wkoll li fl-ebda stadju waqt l-ispezzjoni, ma ngħatat *caution* li dak li tgħid jista' jintuża kontriha bħala prova. Fir-rikors tal-appell m'hemmx aggravju f'dan is-sens. Madankollu, il-każ tal-lum m'huwiex kawża kriminali. Għaldaqstant, dak l-argument ma jreġix.

**Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad l-appell ta' Charlene Mifsud bl-ispejjeż kontriha.**

Anthony Ellul.